32006E0095

15.2.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 44/31

# POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2006/95/PESK

## ta'l-14 ta' Frar 2006

## li jġedded il-miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrjan tar-Repubblika ta' Moldova

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Frar 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/179/PESK ([1]) dwar miżuri restrittivi, fil-forma ta' restrizzjonijiet fuq l-ammissjoni għad-dħul, kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrjan tar-Repubblika ta' Moldova. Dawn il-miżuri kienu mġedda mill-Pożizzjoni Komuni 2005/147/PESK ([2]), u sejrin jiskadu fis-27 ta' Frar 2006.

(2) Abbażi ta' eżami ġdid tal-Pożizzjoni Komuni 2004/179/PESK, il-miżuri restrittivi għandhom jiġu mġedda għal perjodu ulterjuri ta' 12-il xahar,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

*Artikolu 1*

Il-Pożizzjoni Komuni 2004/179/PESK għandha tiġi estiża sas-27 ta' Frar 2007.

*Artikolu 2*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tibda jkollha effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, nhar il-14 ta' Frar 2006.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
K.-H. GRASSER

([1]) ĠU L 55, 24.2.2004, p. 68. Pożizzjoni Komuni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2006/96/PESK (ara l-paġna 32 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) ĠU L 49, 22.2.2005, p. 31.